MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2005

Numru 435/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**Abdul Salam Tumy Al Forgni**

Illum 24 ta’ Jannar, 2005

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Abdul Salam Tumy Al Forgni ta’ 25 sena, imwieled Tripoli, Libya, fl-1979, minghajr indirizz fiss, detentur tal-passaport Libjan bin-numru 512258H gie akkuzat:

Talli fit-3 ta’ Gunju 2004, ghal habta ta’ 12.30 ta’ filghodu, flimkien ma persuni ohra, gewwa l-Gzira u fi bnadi ohra gewwa dawn il-Gzejjer, dolozament, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed f’periklu car il-hajja ta’ PS 909 P. Buhagiar, tah daqqa ta’ strument iebes fuq rasu biex jikkagunalu feriti ta’ natura gravi u jgib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f’wahda mill-idejn ta’ l-offiz, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` tieghu u dan bi ksur ta’ l-artikolu 218 (1) (b) u 41 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz u dan bi kusr ta’ l-artikolu 95 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attaka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb fuq PS 909 P. Buhagiar u PS 245 K. Arnaud, li hija vjolenza pubblika, li huma persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghtija skond il-ligi mill awtorita` kompetenti u dan bi ksur tal-artikolu 98 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamel hsara fl-uniformijiet ta’ PS 909 P. Buhagiar u PS 245 K. Arnaud, liema hsara hija anqas minn Lm10 ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta u dan bi ksur tal-artikolu 325 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fit-30 ta’ Mejju 2004, ghal habta tas-18:00 ta’ filghaxija, flimkien ma persuni ohra, harab mill-post ta’ kustodja jew ta’ piena jew minn xi sptar fejn kien qieghed ghall kura jew osservazzjoni, jew mill kustodja tieghu, bi vjolenza fuq xi persuna jew bi ksur tal-postijiet imsemmija, u dan bi ksur tal-artikolu 152 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli b’hekk titqies recidiv b’sentenza li saret definittiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr M Hayman LL.D. fit-23 ta’ Marzu 2004.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erba’ (4) ta’ Novembru, 2004 inseriti a fol 80 ta’ l-att processwali.

Innutat li l-imputat iddikjara li m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja kif registrat fil-Verbal tas-Seduta tal-15 ta’ Novembru 2004.

Semghet trattazzjoni.

Illi fis-seduta tal-4 ta’ Gunju 2004 xehed bil-gurament l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Daniel Zammit fejn, *inter alia,* esebixxa diversi dokumenti.

Illi fis-seduta tal-11 ta’ Gunju, 2004 l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Daniel Zammit xehed illi:

“Nghid illi fil-lejl ta’ bejn it-2 u t-3 ta’ Gunju tas-sena 2004 is-Surgent PS 909 Paul Buhagiar huwa kien qieghed jaghmel ronda fl-inhawi tal-Gzira u Ta’ Xbiex meta f’hin minnhom huwa lemah mutur hiereg kontra l-*One Way*. Dana l-mutur kellu r-*registration number* fuq bicca kartuna li qieghed nesebixxi bhala Dok. MSD1 u nghid illi fuq dana l-mutur kien hemm tliet (3) min-nies, wiehed minnhom kien liebes *crash helmet* u t-tnejn l-ohra ma kienux. Dawn malli raw il-Pulizija bezghu, telqu l-mutur fin-nofs u telqu jigru fid-direzzjoni tal-Gzira. Is-Surgent Buhagiar

issuspetta li dawn kellhom xi haga hazina, huwa cempel ghall-ghajnuna u segwew l-eqreb wiehed minn dawna illi telqu jigru.

F’hin minnhom, is-Surgent Buhagiar lahaq lil dana u waqt li kien qieghed jarrestah, u dan kien qed izommu biex jistenna l-ghajnuna, wara s-Surgent mar sieheb minn dawna t-tliet persuni u mar jattakka lis-Surgent minn wara. Is-Surgent biex jilqa’ dan l-attakk minn wara, kellu jitlaq lill-ewwel wiehed li kien qed izomm, kif l-ewwel wiehed hassu mehlus huwa wkoll habat ghal PS 909.

Qieghed nesebixxi hmistax-il (15) ritratt li qeghdin jigu rispettivament immarkati bhala Dok. PSP1 sa Dok. PSP15. F’dawna r-ritratti jidhru l-griehi sofferti minn PS 909 P. Buhagiar u dawna r-ritratti ttiehdu mill-Espert Forensiku tal-Fotografija PS 516 Alfio Borg.

Inzid nghid li f’dak il-mument inqalghet konfuzjoni u dawna t-tnejn li kienu aggredixxu lil PS 909 harbu. Nghid illi ftit wara wasal fuq il-post PS 245 K. Arnaud mill-Ghassa ta’ Tas-Sliema u huwa hemmhekk sab lil PS 909 mitluq ma’ l-art midrub u flimkien ma’ skwadra tal-*Mobile Unit* tal-Pulizija li waslu fuq il-post saret tfittxija fl-inhawi ghas-suspettati. U nghid li wiehed minnhom, u cioe` daka li PS 909 kien lahaq qabad, nghid dan kien liebes flokk bil-kuluri ta’ Birkirkara, u cioe` isfar u *orange* u *shorts* ahdar. Dana kien ukoll hafi peress li waqt il-konfuzjoni biex huwa harab minn taht idejn PS 909 Buhagiar dana kien tilef il-karkur.

Ftit wara kienet dahlet informazzjoni fil-*Control Room* tal-Pulizija illi kien hemm persuna x’aktarx ta’ nazzjonalita` Gharbija li kien hafi u kien qieghed idejjaq in-nies fil-gnien tal-Gzira. Inzid nghid li l-Pulizija marru fuq il-post u rrizulta li dan kien wiehed minn dawk li kienu qeghdin jigu mfittxija. Huwa x’hin ra l-Pulizija rega’ harab u x’hin il-Pulizija lahquh huwa rrezista sewwa l-arrest, tant li kkaguna hsara fl-uniformijiet tal-Pulizija. In kwantu ghall-ammont ta’ hsara fuq l-uniformijiet kien ta’ valur ta’ inqas minn ghaxar liri (Lm10).

Il-Pulizija mbaghad arrestaw lil din il-persuna u haduha l-Ghassa. Dana l-persuna rrizulta li huwa Abdul Salam li huwa l-imputat prezenti fl-Awla.

Nixtieq inzid nghid illi jiena fil-prezentata rigwardanti dan il-kaz, u cioe` fis-Seduta tal-4 ta' Gunju, 2004 quddiem il-Magistrat Dr. Lawrence Quintano, kont esebejt il-passaport ta' l-imputat *animo ritirandi* li kien gie esebit u mmarkat bhala Dokument DZ1. Jiena effettivament nghid illi dakinhar imbaghad kont irtirajt il-passaport. Jiena qieghed issa nerga' nesebixxi dan il-passaport li qieghed jigi esebit u mmarkat bhala Dok. MSD2. Nikkonferma ghalhekk li dana l-passpaort li qed nesebixxi bhala Dok. MSD2 kien l-istess passaport li inizjalment kont esebejt *animo ritirandi* bhala Dok. DZ1 u li jiena kont irtirajt.

Qieghed nesebixxi wkoll tliet (3) ritratti li qeghdin jigu esebiti u mmarkati rispettivament bhala Dok. MSD3, Dok. MSD4 u Dok. MSD5. Dana qieghed naghmlu ghaliex dawna r-ritratti qed nesebihom ghall-fini ta' certezza dwar l-identita` tal-persuna ghaliex f'okkazjonijiet precedenti l-imputat kien uza isem differenti u nazzjonalita` differenti. Inzid nghid illi fl-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida dahlu wkoll xi affarijiet ta' l-imputat minn wahda mara li baqghet anonima. Dawn kienu jikkonsistu f'beritta, f'*wallet* u *diary*. Nghid li l-beritta u l-*wallet* inghataw lura lill-imputat, nghid u d-*diary* gie mghoddi lill-Pulizija ta' l-immigrazzjoni ghal iktar investigazzjoni.

Qieghed nesebixxi wkoll sett ta' wiehed u tletin (31) ritratt li qeghdin jigu rispettivament immarkati minn Dok. PJD 1 sa Dok. PJD31. Dawna r-ritratti ttiehdu kollha mill-Espert Forensiku tas-*Scene of Crime Officers* tal-Fotografija PS 516 Alfio Borg u dawna r-ritratti juru d-*diary* li jien ghadni kif ghamilt referenza ghalih u li gie mghoddi mbaghad lill-Pulizija ta' l-Immigrazzjoni flimkien ukoll ma' karti li kienu ma' l-istess diary u liema karti kienu qeghdin gewwa borza. Dawn il-karti jien ukoll flimkien mad-*diary* gew mghoddija lill-Pulizija ta' l-Immigrazzjoni. Inzid nghid illi tul l-investigazzjonijiet l-imputat ma ikkoperax mal-Pulizija u beda jizvija dwar fejn kien joqghod u fejn hu l-passaport.

Fil-fatt minn investigazzjonijiet iktar li saru rrizulta li Abdul Salam huwa kien harab minn Hal-Far fit-30 ta' Mejju ta' dina s-sena flimkien ma' hames persuni ohra. Nixtieq nghid ukoll li b'referenza ghar-ritratti li jiena esebejt immarkati bhala rispettivament minn Dok. MSD3 sa Dok. MSD5, nghid dawna r-ritratti wkoll ittiehdu mill-Espert Fotografu tal-Forensika PS 516 Alfio Borg.

Fl-istess Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004 xehdet ukoll l-Ispettur Denise Mula li qalet:

"Qieghda naghraf lill-imputat prezenti fl-Awla bhala Abdul Salam Tumy Al Forgni. Dana kien qieghed mizmum *Hal-Far Reception Centre pending deportation*, dana kienet inhargitlu *Removal Order* wara li kien instab hati mill-Qorti f'Marzu ta' din is-sena. Huwa kien qed jinzamm hemmhekk ghax huwa kien appella minn din id-decizjoni ta' *Removal Order.*

Il-Hamis ta' qabel ma kienet saret il-harba, u cioe` il-Hamis ta' qabel ma l-imputat kien harab mir-*Reception Centre* lili kienu gabuli d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell illi t-talba ta' l-imputat ma kenitx giet milqugha, hadniha *Hal-Far Reception Centre* u nghata lilu s-Sibt u nghid illi l-Hadd fil-ghaxija kienu infurmawni li l-imputat kien harab mir-*Reception Centre*.

Nikkonferma illi l-passaport kien qieghed fl-ufficju tieghi; dan ovvjament b'referenza ghall-passaport ta' l-imputat".

Fil-11 ta' Gunju, 2004 xehed ukoll PS 977 Joseph Zammit li qal:

"Nghid illi bejn it-3 ta' Mejju, 2004 u t-30 ta' Mejju, 2004 jien kont qieghed stazzjonat temporanjament fic-Centru ta' Hal-Far, u cioe` fic-Centru ta' l-Immigranti Illegali gewwa Hal-Far.

Qieghed naghraf lill-imputat prezenti fl-Awla bhala Abdul Salam Al Forgni u nghid dan kien wiehed mill-persuni li kienu mizmuma gewwa dan ic-Centru.

Nghid illi fit-30 ta' Mejju jiena kont xoghol bejn is-sebgha ta' filghodu u s-sebgha ta' fil-ghaxija (7:00 a.m. – 7:00 p.m.) u ghall-habta ta' ftit qabel is-sitta ta' fil-ghaxija (6:00 p.m.), u jiena ndunajt li l-imputat Abdul Salam Tumy Al Forgni flimkien ma' hames (5) immigranti illegali ohra kienu harbu mill-post u dan ghamluh billi qatghu xibka tax-*showers*, liema xibka kienet tal-hadid u mbaghad huma qabzu *fence* u mbaghad regghu qabzu *fence* iehor u harbu minn fuq il-post."

Fl-istess Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004 xehed ukoll PS 516 Alfio Borg li qal:

"Nghid illi jiena fuq struzzjonijiet moghtija mill-Ispettur Daniel Zammit u fil-prezenza ta' l-istess Spettur, jiena gbidt serje ta' ritratti. Qieghed nigi muri d-dokumenti Dok. MSD3, Dok. MSD4 u Dok. MSD5. Nikkonferma li dawna huma ritratti mehuda minni, liema ritratti jiena hadthom minn fuq il-passaport li huwa esebit bhala Dok. MSD2 li qieghed naghrfu. Dawn ir-ritratti jiena hadthom fil-prezenza ta' l-Ispettur Daniel Zammit.

B'referenza ghad-dokumenti Dok. PJD1 sa Dok. PJD31, nghid dawn huma serje ta' ritratti li jiena wkoll gbidt ukoll fl-istess hin li hadt ir-ritratti l-ohra li ghadni kif semmejt. Dawna l-wiehed u tletin (31) ritratt jiena gbidthom fil-prezenza ta' l-istess Spettur Daniel Zammit u dawna kienu ritratti ta' *diary* illi fuq struzzjonijiet ta' l-istess Spettur jiena kelli nigbed ritratti tieghu, kif ukoll ta' xi karti li kienu wkoll flimkien ma' dan id-*diary*, u dawna l-karti kienu wkoll li ghaddihomli l-Ispettur. Jiena nikkonferma ghalhekk li anke dawn ir-ritratti hadthom jiena. Nixtieq inzid nghid illi kull pagna li kien hemm fuq dana l-*pocket note book* giet iffotografata.

In kwantu ghar-ritratti li qieghed nigi muri li huma minn Dok. PSP1 sa Dok. PSP15, nghid dawn huma ritratti li jiena gbidt rigward PS 909 P. Buhagiar. Dawn ir-ritratti jiena gbidthom fuq struzzjonijiet ta' l-Ispettur Daniel Zammit u gbidthom fid-*Depot* tal-Pulizija fit-3 ta' Gunju 2004. Fil-fatt nghid illi fuq kull ritratt hemm id-data pprintjata ta' kull meta jiena gbidt ir-ritratt.

In kwantu ghar-ritratti l-ohrajn li diga` ghamilt referenza ghalihom, u cioe` ir-ritratti Dok. MSD3 sa Dok. MSD5, u minn Dok. PJD1 sa Dok. PJD31, dawna jidhirli li gbidthom xi jumejn wara t-3 ta' Gunju 2004".

Xehed ukoll l-Ispettur Stephen J. Gatt fis-Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004 fejn qal:

"Qed nesebixxi vera kopja fotostatika ta' Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman fl-24 ta' Marzu 2004, fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Stephen J. Gatt) vs. Abdul Salam Tumy Al Forgni*, imwieled Tripoli, Libja fl-1979, u detentur tal-passaport Libjan bin-numru 512258H sive Josef Ali Hamdani ta' 25 sena, iben Ali u Hafna Kurgani, imwieled Palestina fit-18 ta' Lulju, 1977 u m'ghandux indirizz f'Malta. Nikkonferma li jiena kont l-Ufficjal Prosekutur f'dina l-kawza, liema kopja tas-Sentenza qieghda tigi esebita u mmarkata bhala Dok. SJG1. Nikkonferma illi l-imputat, li qed naghrfu prezenti fl-Awla, huwa l-istess imputat imsemmi fl-istess Sentenza".

Fis-Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004 xehed ukoll PS 909 Paul Buhagiar li qal:

"Nghid illi fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Gunju, 2004, jiena f'dak il-lejl kont qieghed stazzjonat fl-Ghassa ta' l-Imsida, u kont qieghed fuq ronda fl-akwati ta' Ta' Xbiex u l-Gzira. Nghid illi ghall-habta ta' xi l-hdax, il-hdax u kwart ta' fil-ghaxija (11:00 – 11:15 p.m.) tat-2 ta' Gunju, 2004 kont ghaddej jiena minn Princess Margaret Street u kif appena kont qieghed f'nofsha harigli mutur minn Triq Giuseppe Cali` kontra l-*One Way*. Fuq dan il-mutur kien hemm tliet (3) persuni, kien hemm qed isuqu tifel li jien bhala eta` ma' ntihx iktar minn hmistax-il (15) sena, kien hemm l-imputat li qed naghrfu prezenti fl-Awla fin-nofs u kien hemm iehor wara bid-daqna b'xaghru twil *b'helmet.*

Jiena ghall-ewwel waqaft biex nara ghalfejn kienu qeghdin tlieta fuq il-mutur u kontra l-*One Way*. Apparentement rawni jiena niftah il-bieba u kif dawn apparentement rawni

niftah il-bieba, dawn harbu. Li niftakar car huwa ta' xaghru twil u tad-daqna, dana kellu *helmet* ikkulurit f'idu u beda jigri u niftakar ukoll car li l-imputat li kellu *gear* ta' Birkirkara u qalziet ahdar. Dawna qabdu jinzlu n-nizla Giuseppe Cali` Street, jiena biex ma nghaddix kontra l-*One Way* u l-mutur kien ghadu ma' l-art, jiena ghalhekk dort minn Abate Rigord ghal go Garden Street bil-vettura tal-pulizija u kif wasalt f'Testaferrata Street hdejn il-pompa tal-*petrol* jiena rajt lill-imputat jigri 'l isfel f'Testaferrata Street. Huwa dahal go bieb li jiena mbaghad ma kontx cert jekk kienx bieb wiehed jew l-iehor u kien hemm persuna li indikatli li dan kien dahal minn go bieb ta' l-*aluminium*. Jiena fil-frattemp infurmajt lid-*Depot* ghall-assistenza kif ukoll anke infurmajt ghall-assistenza l-Ghassa ta' Tas-Sliema. Kif jiena tajt daqqa l-bieb biex niftah il-bieb huwa kien wara l-bieb, il-bieb habat mieghu, il-bieb rega' gie lura, dahhalt idi, rajt lilu u htaftu. Jiena hrigtu barra, tfajtu ma' *shutter* tal-hanut wiccu jhares lejn ix-*shutter* u jien ghamiltlu s-*search*.

F'hin minnhom inqala' daka l-guvni z-zghir li kien maghhom, li skond jiena dan ma kellux iktar minn hmistax-il (15) sena, dana naf li lili imbuttani, u dana imbuttani fuq l-imputat. Nghid kif dort dana l-guvnott zghir naf li kellu xi haga mizmuma f'idu tixbah xafra, jiena kif dort biex nimbuttah u lqattu daqqa zghira bil-minkeb, l-imputat lili tani daqqa b'xi haga iebsa li jiena hsibtha hadida, li nghid li mbaghad l-imputat kien qal fl-Ghassa li hu kien tani b'*mobile*. Waqajna t-tnejn ma' l-art, l-imputat lili baqa' jtini, jiena ddefendejt ruhi, ghal xi sekondi jiena sturdejt, l-imputat harab 'l isfel u mbaghad naf li giet xi vettura ohra.

Nghid in kwantu ghall-guvnott zghir, jiena wara illi dort u lqattu bil-minkeb, dana mbaghad huwa, dak il-hin jiena qlajt id-daqqa li semmejt u lil dan jiena ma rajtux, jiena cert illi d-daqqa qlajtha minghand l-imputat. Nghid ukoll li l-imputat illi dak il-hin ukoll carratli l-qmis tas-Servizz. Qieghed nesebixxi *animo ritirandi* l-qmis li turi wkoll minn fejn qataghhieli l-imputat, li qieghda tigi esebita bhala Dok. PBA1. Nghid imbaghad kfi ghidt giet karozza tal-Pulizija, gie s-Surgent PS 245 K. Arnaud u ftit wara giet ukoll

karrozza tal-*Mobile* li fiha kien hemm is-Surgent Urpani flimkien ukoll ma' PC Hammett.

Nghid illi jiena meta wasal PS 245 Arnaud ghidtlu f'liema direzzjoni kien harab l-imputat u ghidtlu biex imur ghal warajh. Nghid dak il-hin jiena beda hiereg harira ta' demm mill-ferita li kelli u pero` kien hemm xi hadd li gabli bicca mxarrba.

Kif konna qeghdin fil-post innotajna li kien hemm *flip flop* ma' l-art, li mill-ewwel giena l-hsieb li kien ta' l-imputat. Jiena bqajt mal-Pulizija hemmhekk u ghidtilhom imbaghad li l-isptar kont se mmur aktar tard. Nghid illi kienet waslet ukoll vettura tal-*Mobile* li jiena kont bghattha fejn kien hemm il-mutur biex hadd ma jmiss il-mutur, li kien qieghed dana fi Triq Giuseppe Cali`, u qbadna naghmlu t-tfittxija. Ahna dorna sew l-akwati imma ma sibna xejn, imbaghad is-Surgent lili qalli li peress li ghajnejja kienet qed issirli blu kien se johodni l-isptar.

Kif konna sejrin l-isptar cemplulna u qalulna li raw lill-imputat kien qieghed jigri gewwa l-gnien tal-Gzira u kien qieghed jittanta n-nies. Ergajna nzilna. Jiena rajt lill-imputat jaqbez *fence* u jigbed lejn Tas-Sliema pero` jiena ma kontx f'posizzjoni li nigri ghal warajh u gera ghal warajh is-Surgent Arnaud u qabduh x'imkien il-Gzira fejn il-Petite Paradise. Jiena imbaghad ittehidt l-isptar u mbaghad jiena kellimni l-Ispettur Daniel Zammit.

In kwantu ghall-griehi li jiena garrabt, in kwantu b'referenza ghall-griehi li garrabt f'idejja x-xellugija jiena gejt infurmat mit-tabib li hemm possibilita` li jekk jiena nibqa' bl-istess sitwazzjoni ta' din l-id se nigi operat nhar it-Tlieta li gejjin.

In kwantu ghall-ferita f'ghajnejja, nghid id-demm ghad irid jghaddi l-process normali tieghu li jikklierja, ghandi ugigh fuq ic-*cheekbone* u wkoll id-dawl qieghed idejjaqni, pero` it-tabib lili qalli illi in kwantu dina ta' ghajnejja biz-zmien jiena nigi normali. Jiena ghandi sa llum miniex tajjeb ghax-xoghol."

Fis-Seduta tal-11 ta’ Gunju, 2004 xehed ukoll PS 245 Keith Arnaud li qal:

“Nghid illi fil-lejl ta’ bejn it-2 u t-3 ta’ Gunju, 2004, jiena kont qieghed *night watch* fl-Ghassa ta’ Tas-Sliema, gietni *call* mill-*Control Room* fejn gejt infurmat illi ahna kellna mmorru fi Triq Testaferrata, Msida ghaliex kien hemm Surgent tal-Pulizija li kellu bzonn assistenza ghaliex kien qabad lil xi hadd li seraq xi mutur. Jien dakinhar kont wahdi, inzilt mill-ewwel fuq il-post, sibt il-vettura tal-Pulizija fl-Imsida bil-*beacon lights* mixghula mitluqa f’nofs ta’ triq bil-bieba miftuha u sibt ukoll lil PS 909 mill-Ghassa ta’ l-Imsida mixhut fl-art izomm ghajnejh.

Jiena staqsejtu mill-ewwel x’gara u ppruvajt nghinu u huwa qalli li kien hemm Gharbi li kien ghadu kemm hebb ghalih, ippruvajt nigbru mill-art lis-Surgent, pero` dan qalli biex immur nigri wara dan l-Gharbi. Huwa tani d-deskrizzjoni x’kien liebes, illi kien jikkonsisti fi bhala flokk bil-*gear* ta’ Birkirkara tal-futbol u *shorts* ta’ kulur ahdar. Jiena dort malajr l-inhawi pero` ma sibtux u mbaghad jiena ergajt mort fejn is-Surgent u komplejt ntih l-ghajnuna. Fil-pront giet l-assistenza tal-*Mobile* ukoll u flimkien komplejna nduru l-inhawi nfittxu ghal din il-persuna.

Meta kienu ghaddew xi tliet kwarti jew ftit aktar u ma sibnihx, ahna ddecidejna li mmorru l-isptar stante li dana s-Surgent kellu ghajnejh li kienet hiereg id-demm minnha, u kif ahna wasalna hdejn il-*gate* ta’ l-isptar ircevejt *call* fil-*mobile* tieghi mill-Pulizija ta’ Tas-Sliema fejn dana qalli li kien hemm xi Gharbi li kien qed jaqbad ma xi nies gewwa l-gnien tal-Gzira. Dan il-Pulizija wkoll indika li dan l-Gharbi kien qieghed hafi u ahna sadattant konna nafu li din il-persuna li kien harab kien qieghed hafi ghax ahna konna sibna l-karkur tieghu fuq il-post.

Morna mill-ewwel lura lejn il-Gzira, mat-triq ergajna ltqajna ma’ tal-*Mobile* li kienu qed iduru l-inhawi, dhalna l-gnien tal-Gzira, ipparkjajna l-vetturi taghna u ahna bdejna bil-pass infittxu lil din il-persuna. Waqt li konna l-gnien PS 909 huwa lemah lil dan l-Gharbi, ahna ghidnielu biex

jieqaf u joqghod fejn kien pero` dana harab u telaq jigri mill-ewwel lejn id-direzzjoni ta’ Tas-Sliema.

Jiena u xi erba’ Pulizija ohra bdejna nigru ghal warajh, pero` kif dana dar il-latrina tal-Gzira ma rajnihx aktar, kulhadd baqa’ jfittxu fl-inhawi jiena bqajt miexi fit-toroq tal-Gzira u jiena kif wasalt fejn il-*Petite Paradise Hotel* li qieghda bejn il-Gzira u Tas-Sliema jiena qsamt lejn in-naha tal-bahar u jiena lmaht lill-Gharbi mistohbi wara cint in-naha tal-bahar fejn dan kien liebes l-istess deskrizzjoni li kien tani PS 909. Dak il-hin jiena, peress li kont wahdi, sejjaht ghall-ghajnuna ta’ shabi u hekk kif shabi waslu fuq il-post u ahna ghidna lill-Gharbi biex huwa jieqaf u jibqa’ fuq il-post, huwa rega’ qabad jigri. Hekk pero` kif qabad jigri, ahna konna vicin tieghu u ahna rnexxielna nzommuh. Kif ahna approwcjajnih, u konna jiena u Pulizija iehor tal-*Mobile*, konna fuq quddiem, huwa dar ghalina, lili hatafni mill-*Lanyard* ta’ l-uniformi u qataghhieli u pprova wkoll jaghmel ghalina pero` ahna rnexxielna nzommuh u immanettjajnih. Din il-persuna qieghed naghrafha bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Imbaghad lil dan ahna hadnih l-Ghassa, poggejnih fic-cella u mbaghad tkomplew l-investigazzjonijiet.

Jiena qieghed nesebixxi *animo ritirandi* l-*Lanyard* ta’ l-uniformi tieghi illi kien qaccathieli minn ma’ l-uniformi tieghi l-imputat, li qieghda tigi esebita u mmarkata bhala Dok. KAP1.”

Fis-Seduta tal-11 ta’ Gunju, 2004 xehed PS 1021 Joseph Urpani li qal:

“Nghid illi fil-lejl ta’ bejn it-2 u t-3 ta’ Gunju, 2004, jiena kont *duty night watch Mobile Squad* u flimkien mieghi kelli lil PC 1528. Ghall-habta tal-hdax u kwart u l-hdax u nofs (11:15 u 11:30) tat-2 ta’ Gunju, 2004, dahal messagg fil-karozza ta’ l-*area*, jien kont qieghed bil-karozza tas-*Supervision*, biex jassistu lil tad-Distrett, u dana tad-Distrett ta’ l-Imsida, ghaliex il-Pulizija bdew jigru wara xi nies. Nghid jiena kont mort jiena, kien hemm ukoll il-karozza ta’ l-*area*.

Kif wasalna indikawlna mutur li kien qieghed mal-genb, qalulna li dan kien misruq u li kienu qed ifittxu xi Gharab. Dina l-informazzjoni kienu qed jghadduhieli mill-Pulizija tal-karozza ta' l-*area* tal-*Mobile*. Ahna bdejna t-tfittxija. Hawnhekk nixtieq nispjega, nixtieq inzid illi ahna kif smajna l-istorja fuq ir-*radio*, dawna spjegawlna s-sitwazzjoni l-kollegi taghna Pulizija u mbaghad bdiet it-tfittxija u bdejna nfittxu. Nghid ahna l-informazzjoni li kellna li kellna nfittxu persuna ta' nazzjonalita` Gharbija li dan kien qieghed liebes flokk isfar u ahmar u *shorts* ta' kulur ahdar. Ahna komplejna nfittxu, wara xi hin iltqajna l-Ghassa ta' l-Imsida. Ahna ergajna mbaghad inkomplu nfittxu u kif konna qeghdin *Manoel Island* dahlitilna informazzjoni illi fil-gnien tal-Gzira kien hemm xi wiehed Gharbi li beda jittanta n-nies. Kif ahna hrigna minn *Manoel Island* sejrin niksru ghall-pompa tal-*petrol* kif nigu min-naha tal-latrina naraw lill-Pulizija kemm tal-*Mobile* u kemm tad-Distrett qeghdin jigru. Dawna infurmawna li dawna bdew jigru wara dan l-Gharbi pero` kienu tilfuh u ergajna bdejna nfittxu.

Nghid illi mbaghad infurmana PS 909 Buhagiar biex immorru n-naha ta' *Petite Paradise* ghax kien hemm is-Surgent Arnaud u beda jigri wara dan l-Gharbi. Ahna rkibna fil-karozza u morna. Nghid dina l-*Petite Paradise* hija lukanda li qieghda *The Strand* u qieghda bejn il-Gzira u Tas-Sliema. Kif wasalna rajt lis-Surgent Keith Arnaud li kien qieghed fuq il-bankina l-wiesgha man-naha tax-xatt, ahna inzilna. PC 1528 baqa' fil-karozza u ahna bdejna nfittxu. Imbaghad jiena rajt l-Gharbi u ahna bdejna nigru ghal warajh. Hu qasam it-triq u qasam zewg triqat ohra, huwa qasam l-i*Strand* kollu u mbaghad finalment, pero` nghid illi mbaghad finalment ahna lil dana qbadnih, dana irrezista l-arrest u immanettjajnieh u jiena flimkien mas-Surgent Arnaud u PC 1528 nizzilnih l-Ghassa. Nghid illi dana l-Gharbi li ahna arrestajna qieghed naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Inzid nghid ukoll li jiena lil PS 245 K. Arnaud smajtu jghid illi dana l-Gharbi lilu kien qattaghlu l-*Lanyard* ta' l-uniformi. Nghid illi l-imputat nikkonferma li huwa rrezista l-arrest. Fil-fatt ahna meta wasalna, konna fil-fatt nghid konna ilna nghidu lill-imputat biex jieqaf mix-xatt. Nghid illi anke f'din l-okkazjoni finali,

meta mbaghad qbadnih, ahna ghidnielu biex jieqaf pero` dana rega’ ipprova jahrab u mbaghad qbadnih. U nghid ahna bhala Pulizija konna qeghdin f’numru tajjeb biex neffettwaw l-arrest, nghid pero` l-imputat irrezista l-arrest.”

In kontro-ezami huwa kompla jixhed u jghid:

“Nghid bhala numru ta’ Pulizija li effettwajna l-arrest nghid bhala Pulizija li konna qeghdin biex naffettwaw l-arrest konna PC 1528, PC 1138, jiena u PS 245 Arnaud. Jista’ jkun li kien hemm ohrajn pero` dawn li naf jien.”

Fl-istess Seduta tal-11 ta’ Gunju, 2004 xehed PC 1528 Darren Hammet li qal:

“Nghid illi fil-lejl ta’ bejn it-2 u t-3 ta’ Gunju, 2004 jiena kont qieghed flimkien ma’ PS 1021 Joseph Urpani, bhala assenjati konna qeghdin *Mobile* fuq *supervision*. Nghid f’hin minnhom dahal rapport fuq ir-*radio* taghna biex ahna nassistu l-Pulizija tad-Distrett, miniex cert jekk hux ta’ Tas-Sliema jew l-Imsida. Fil-fatt niftakar illi kien hemm *call* ghal ghajnuna mill-*unit* ta’ l-*area* u lilna biex nassistu fi glieda li fiha safa ferut Surgent tal-Pulizija. Fil-fatt nghid li mhux proprja glieda qalulna, li s-Surgent ipprova jarresta u safa ferut.

Skond l-informazzjoni li nghatajna, ahna kellna nfittxu l-persuna li kien ta’ nazzjonalita` Gharbija li kien liebes flokk isfar bl-ahmar, ma niftakarx x’qalulna kienu l-kulur tal-qalziet. Ahna morna l-Imsida fejn qalulna li kien l-incident, ahna saret tfittxija, domna hafna biex lil dina l-persuna Gharbija nsibuha. Finalment inzid nghid illi mbaghad kien dahlilna rapport illi kien hemm persuna ta’ nazzjonalita` Gharbija li kienet qeghda fil-gnien tal-Gzira, qalulna wkoll li kien qieghed jargumenta man-nies u dan kien kollu demm, u qalulna wkoll li dan kien hafi u bla zarbun.

Ahna nzilna hemmhekk, ahna ltqajna mal-kumplament tal-*unit* tal-Pulizija u ahna bdejna nfittxu l-*area*. Kien hemm grupp min-nies taghna li kienu bil-mixi u ahna konna qeghdin bil-karozza. Jiena dak il-hin dhalt f’*Manoel Island.* Ahna u hergin rajt lill-Pulizija kollha jigru, kienu

qeghdin jigru fid-direzzjoni ta' lejn Tas-Sliema. Jien dak il-hin kont hiereg minn *Manoel Island*. Fil-fatt ahna infrixna inkwantu ghat-tfittxija, parti minna marru lejn ix-xatt u parti l-ohra nfirxu fis-*side roads*. F'xi hames minuti jew inqas wara kien hemm Surgent tal-Pulizija li kien qieghed bejn il-lukanda *Petite Paradise* li beda jitlob l-assistenza, kollha rikbu gol-karozza tieghi u soqna lejn dina l-lukanda.

Kif wasalna sibt lis-Surgent Arnaud fuq il-post qisu naqra mistohbi u qalilna biex ma naghmlux storbju u ahna pparkjajna fil-genb u ftehmna biex naghlqu lil din l-persuna li skond is-Surgent Arnaud kien qieghed mohbi wara cint man-naha tal-bahar. Pero` mid-dehra kif waslet il-karozza *Alfa* dana induna u telaq jigri. Jiena bqajt miexi bil-karozza fid-direzzjoni li kien qieghed jigri dana l-persuna ta' nazzjonalita` Gharbija u innutajt li l-Pulizija bdew jigru warajh. Imbaghad huwa waqaf f'daqqa, ghadda minn warajja ghal gos-*side road* u dak il-hin qbadnieh.

Nghid jiena inzilt dak il-hin naghti daqqa ta' id lill-kollegi tieghi u l-imputat ghamel rezistenza. Jiena ma rajtx lill-persuna tqatta' l-*Lanyard* minn fuq l-uniformi tas-Surgent Arnaud, pero` smajt lis-Surgent Arnaud jghid lil din il-persuna li hu kien qattaghlu l-uniformi. Dina l-persuna ta' nazzjonalita` Gharbija li ahna affetwajna dana l-arrest li qieghed imsemmi qieghed naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla."

In kontro-ezami huwa kompla jixhed jghid:

"Nghid illi fil-hin ta' l-arrest jidhirli li ahna Pulizija konna erbgha (4). Nghid illi meta kien wegga' s-Surgent PS 909 Buhagiar, dan jidhirli dan kien qieghed wahdu meta dan kien wegga'. Waqt il-hin ta' l-arrest, li kont prezenti u ppartecipajt fih jiena, ma jidhirlix li xi hadd minna l-Pulizija f'dak l-istadju kien wegga'."

Illi fis-Seduta tat-30 ta' Awissu, 2004 xehed Dr Gabriel Schembri M.D. li qal:

“Qieghed nigi muri d-dokument Dok. DZ4 li jinsab a fol. 14 tal-process u nghid illi dana huwa certifikat mediku rilaxxjat minni. Qieghed naghraf il-firma tieghi u l-kitba tieghi fuq dan id-dokument. Nghid illi fit-3 ta’ Gunju tas-sena 2004 jiena ezaminajt lil Paul Buhagiar fil-*Casualty Department* ta’ l-Isptar San Luqa. Jiena sibtlu tbengila fuq wiccu. Din kienet it-tbengila fuq wiccu u kienet ukoll madwar ghajnejh u dina kienet fuq in-naha tal-lemin tal-wicc. Nghid ukoll dan kellu kontuzjoni f’subghajh il-kbir f’idu tax-xellug, pero` nghid illi dan ma kellux ksur. Jiena nikkonferma li dawn il-griehi jiena ikklassifikajthom bhala griehi ta’ natura hafifa salv komplikazzjonijiet.

Jiena lil din il-persuna wara ma ergajtx ezaminajtha. Jiena ma gejtx infurmat jekk wara din il-persuna kellhiex xi komplikazzjonijiet jew le. Nghid dana Paul Buhagiar lil kien qalli jidhirli li kien qala’ xi daqqa ta’ ponn jew daqqa b’ xi haga. Nghid dawna l-feriti li kellu Paul Buhagiar huma kompatibbli ma’ daqqa ta’ ponn jew inkella xi oggett li huwa *blunt*.

Fis-Seduta tas-6 ta’ Ottubru, 2004 xehed PS 1575 Robert Fava li qal:

“Qed nigi muri d-Dokument DZ7 li jinsab minn fol. 17 sa fol. 21 tal-process. Nikkonferma li din hija Stqarrija ta’ l-imputat Abdul Salam Tumy Al Forgni li qieghed naghrfu prezenti fl-Awla. Nikkonferma illi l-imputat inghata t-Twissija skond il-Ligi, nikkonferma li jiena kont prezenti ghat-tehid ta’ din l-Istqarrija. Qieghed naghraf il-firma tieghi kif ukoll dik ta’ l-Ispettur Daniel Zammit kull fejn jidhru fuq din l-Istqarrija u nikkonferma wkoll illi Abdul Salam Tumy Al Forgni ghazel li ma jiffirmax dina l-Istqarrija.

Nixtieq nghid illi apparti li jiena kont xhud ta’ din l-Istqarrija li ghamilt issa referenza ghaliha, inzid nghid illi ‘l ghada li sehh l-incident jiena kont gejt imqabbad biex niehu lill-imputat gewwa l-poliklinika tal-Furjana, morna jiena flimkien ma’ PC 485 Edwin Azzopardi, kif ahna konna hergin mil-*lock-up* u ghamilnielu l-manetti f’idejh, l-imputat beda jidghi bil-Madonna u rrifjuta li jmur il-poliklinika. Fil-

fatt nghid illi r-rifjut tieghu li huwa jmur il-poliklinika qeghda mnizzla fid-*Detain Book* tal-*lock-up.* Pero` inzid nghid ukoll illi fil-5 ta' Gunju, 2004 jiena kont gejt infurmat mill-kollegi tieghi li wara d-9 ta' filghaxija nghid illi fid-disgha ta' filghaxija (9:00p.m.) ta' l-4 ta' Gunju, 2004, u dan allura meta jiena kont spiccajt dak in-nhar mit-turn tieghi u kienu dahlu ta' warajja, dawna kienu hadu lill-imputat il-poliklinika ghax kien rega' beda jikkomplejnja mill-ugigh. Nghid illi jiena kien fl-4 ta' Gunju imma filghodu li kont sejjer niehu lill-imputat il-poliklinika, pero` hu kien irrifjuta, jien kont staqsejtu jekk marlux l-ugigh u qalli li ma kenitx affari taghna u allura jiena ma kontx hadtu."

In kontro-ezami huwa kompla jixhed u jghid:

"Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur jekk jiena nafx illi fit-3 ta' Gunju, 2004 l-imputat kif diga` ittiehed il-poliklinika nghid illi ma nafx."

Fis-Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004 rega' xehed l-Ispettur Daniel Zammit li qal:

"Nghid li minn verifiki li ghamilt jiena mal-Quarter Master tal-pulizija jirrizultali li in kwantu ghall-ammont ta' hsarat sofferti mill-korp tal-pulizija in kwantu ghal qmis ta' PS 909 P Buhagiar din tiswa Lm2.64. U in kwantu ghal lanyard ta' PS 245 K Arnaud il-valur taghha hu ta' Lm1.25. Niddikjara li dawn huma l-valuri tal-oggetti kollha."

Fis-Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2004 PS 909 Paul Buhagiar in kontro-ezami xehed illi:

"Fuq domanda ta' l-Avukat Difensur fejn qeghda sitwata precizament it-Triq Princess Margaret, gewwa Ta' Xbiex, nghid li din ghandha l-ewwel kisra ma' Triq Guzeppe Cali` u din it-triq hija parallela ma' Triq Testaferrata. Dan nikkonfermah u nikkonferma wkoll li nkwantu ghat-Triq Guzeppe Cali`, f'din it-triq, wiehed ma jistax jitla` lejn Princess Margaret pero` jista' jinzel biss. B'referenza ghad-deposizzjoni tieghi, li jiena tajt fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2004, u specifikament fejn jiena ddikjarajt illi jiena meta, dawn, b'referenza ghat-tlett persuni, meta dawn

qabdu jinzlu n-nizla ta’ Triq Guzeppe Cali`, jiena biex ma nghaddix kontra l-one-way u l-mutur kien ghadu ma’ l-art, jiena ghalhekk dort minn Abate Rigord ghal go Garden Street, bil-vettura tal-Pulizija, nghid illi hawnhekk nixtieq naghmel korrezzjoni fis-sens, illi jien ghall-ewwel bicca tat-Triq Giuseppe Cali, jiena stajt ninzilha, imma peress li dawn it-tlett persuni kienu ha jduruli ghal got-Triq Ugo Mifsud, jiena allura imbaghad, ma stajtx ninzilha t-triq. Nghid li dawn it-tlett persuni telqu bil-giri.  Nghid li jien x’hin hrigt u rajt li l-mutur kien bla numru u bla xejn, tnejn minn dawn it-tlett perusni kienu diga` daru ghal gos-side streets.  Nikkalkula li damu biex dahlu ghal gos-side streets, bejn tletin u erbghin sekonda.

Nghid li jiena, biex minn fejn tlaqt, u cioe` minn Triq Guzeppe Cali mat-Triq Princess Margaret biex wasal go Triq Testaferrata, hadt bejn wiehed u iehor, zewg minuti. Jiena kont wasalt sal-pompa ta’ Falzon li qeghda il-parti t’isfel ta’ Triq Testaferrata.  Nghid li jiena l-hin kollu zammejt f’mohhi l-istampa ta’ deskrizzjoni dwar kif rajt dawn it-tlett persuni u nghid li jiena hadt din it-triq b’intuwizzjoni.

L-ewwel persuna li rajt minn dawn it-tlieta kien wiehed li kien bil-gear ta’ Birkirkara li huwa l-imputat li qed naghrfu prezenti fl-awla.  Lit-tnejn l-ohra jiena qatt ma rajthom izjed.  Hawnhekk nixtieq naghmel precizazzjoni li meta jiena kont waqqaft lill-imputat, jien hassejt xi haga ma dahri minn wara, u kif dort rajt lil ta’ xaghru twila.

Nghid li sakemm jiena qabel ma sibt lill-imputat, jiena l-istampa li kelli f’mohhi kienet wiehed liebes gear ta’ Birkirkara b’qalziet ahdar u ta’ karnaggjon skura imbaghad jiena kif ghidt, meta waqqaft persuna li kienet liebsa dawn il-hwejjeg u kienet ta’ karnaggjon skura, irrizultali li kien l-imputat prezenti fl-awla.  Nixtieq inzid nghid pero`, li bhala wicc jiena inizjalment, il-wicc ta’ din il-persuna li kienet liebsa dan il-gear ta’ Birkirkara u qalziet ahdar u ta’ karnaggjon skura, wiccha ma kontx rajtu.  Pero` nixtieq inzid nghid illi fil-hin li jiena kont qed narresta lill-imputat gie iehor li kellu xaghru twil u li kien bil-helmet, li gie jmissni minn wara.  Nzid nghid li l-imputat kien dahal

gewwa flats. Nixtieq nghid li mill-mument li jiena rajt lill-persuna ta' karnaggjon skura, bil-gear ta' Birkirkara u l-qalziet ahdar fuq il-mutur, sal-mument li jiena arrestajt lill-imputat, nghid li ghaddew madwar hames minuti.

Nixtieq inzid nghid li jiena, fuq domanda ta' l-Avukat Difensur, jekk l-imputat kellux xi haga f'idu, nghid li m'inix f'posizzjoni li nirrispondi ghax kif lill-imputat kont dawwartu, kont qed nipprova niggwadanja hin biex ikolli l-assistenza u nghid li kif jiena kont qieghed fl-istadju li kont qieghed naghmillu s-search, kont qlajt id-daqqa fuq wara fuq rasi. Hawnhekk nixtieq naghmel korrezzjoni, fis-sens, li jiena kif kont qieghed naghmel is-search ta' l-imputat, hassejt xi hadd minn wara jmissni. Kif dawwart wicci u rajt lil dak ta' xaghru twila bil-helmet, jiena mbaghad, hemmhekk, l-imputat lil tani d-daqqa b'xi haga iebsa fuq rasi. Imbaghad gewwa l-Ghassa, l-istess imputat lili kien qalli li lili kien tani bil-mobile.

Inzid nghid li s-search fuq l-imputat ma kontx ikkompletajtha. Bhala search, li lhaqt ghamilt kien li missejt il-qadt ta' l-imputat u l-qalziet, pero` ma kontx iccekjajt jekk kellux xi haga f'idejh. Nghid ukoll li l-post kien mudlam.

Nixtieq nghid l-oggetti li semmejt fid-deposizzjoni tieghi tas-seduta tal-11 ta' Gunju 2003, fejn ghidt li kienet marret mara l-Ghassa u gabet xi oggetti, fosthom wallet, nghid li dawk l-oggetti ma kontx sibthom jien. Nghid li bejn il-hin li l-imputat kien harab, wra li jiena kont qlajt id-daqqa fuq rasi u l-hin li rega' nstab l-imputat, ghaddiet madwar nofs siegha. Nixtieq nghid, fuq domanda tad-Difiza, jekk setax kien li ghaddew madwar tlett kwarti u anke siegha, qabel ma' rega' nstab l-imputat, nghid illi ma neskludihiex.

Nghid li jiena kont involut fil-qabda ta' l-imputat, rigwardanti t-tieni darba li kien harab. Nghid pero` li ma kontx grejt warajh. Nghid li bejn wiehed u iehor kienu siegha wara li gara l-incident li jiena kont spiccajt mort l-Isptar St. Luke's."

In ri-ezami l-istess xhud fl-istess Seduta qal:

“Nixtieq nghid li kwantu ghall-hinijiet li jiena xhedt dwarhom illum, nghid jiena ma kontx qieghed inzomm il-hinijiet u nghid ukoll lanqas kont f’posizzjoni wara li jiena kont qlajt id-daqqa fuq rasi. Nghid il-hinijiet li jiena tajt huma li tajt fid-deposizzjoni tieghi llum, huma bejn wiehed u iehor fil-hinijiet li graw l-affarijiet.”

Fis-Seduta tas-16 ta’ Dicembru, 2004 xehdet Marie Claudette Camilleri fejn qalet:

“Nghid jiena lill-imputat ili nafu ghal dawn l-ahhar seba’ (7) snin. Nghid jiena u l-imputat konna noqoghdu flimkien u nghid ilna ghal dawn l-ahhar seba’ (7) snin u ghandna tifla. Nghid din it-tifla ghandha hames (5) snin. Prezentement it-tifla qieghda mieghi. Nghid f’dawn l-ahhar seba’ (7) snin l-imputat, salv meta jkun imsiefer, dana jkun dejjem mieghi, u nghid ukoll anke meta ovvjament barra wkoll meta jkun qieghed l-habs. Nixtieq inzid nghid ukoll illi kien hemm perjodu fejn l-imputat kien mizmum ukoll gewwa Hal-Far.

Nghid fil-perjodu li l-imputat kien mizmum gewwa Hal-Far kif ukoll fil-perjodu li l-imputat ilu mizmum il-habs, jiena kull nhar ta’ Sibt immur narah flimkien mat-tifla. Nghid illi t-tifla thobb hafna lil missierha l-imputat u thobb tmur tarah u tkun tixtieq toqghod mieghu. It-tifla jisimha Aisha Al Forgni Camilleri. Nghid illi kien sar rikonoxximent tat-tifla b’zewg kunjomijiet”.

Fl-ewwel lok il-Qorti taghmel referenza ghas-sottomissjoni tad-difiza fit-trattazzjoni li minn provi prodotti mill-Prosekuzzjoni gie allegat li certi fatti mertu ta’ dan il-kaz sehhew qabel ma sar nofs il-lejl ta’ bejn it-2 ta’ Gunju 2004 u it-3 ta’ Gunju 2004 u ghalhekk id-data indikata fl-ewwel akkuza u riferita fit-tieni akkuza, fit-tielet akkuza, fir-raba’ akkuza u fil-hames akkuza hi data zbaljata u ghalhekk b’data hazina m’ghandhiex tinstab htija. Fil-fehma tal-Qorti din is-sottomissjoni ma treggix fil-kaz odjern. Dan ghaliex mill-provi prodotti jirrizulta car li kien hemm <u>successjoni ta’ eventi kollegati</u> li bdew fit-tard bil-lejl tat-2 ta’ Gunju 2004 u tkomplew wara li kien beda it-3 ta’

Gunju 2004. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li d-dicitura tal-ewwel akkuza dwar id-data u l-hin hi: "….. fit-3 ta' Gunju 2004, ghal habta ta' 12:30 ta' filghodu …." (sottolinjar tal-Qorti). Il-Qorti sejra ukoll ticcita brani minn dak li xehed PS 909 Paul Buhagiar fis-Seduta tas-6 ta' Dicembru 2004 fejn, in kontro-ezami, dan, *inter alia*, qal: "Nghid li bejn il-hin li l-imputat kien harab, wara li jiena kont qlajt id-daqqa fuq rasi u l-hin li rega' nstab l-imputat, ghaddiet madwar nofs siegha. Nixtieq nghid, fuq domanda tad-Difiza, jekk setax kien li ghaddew madwar tlett kwarti u anke siegha, qabel ma rega' nstab l-imputat, nghid illi ma neskludihiex." In ri-ezami fl-istess Seduta l-imsemmi xhud qal: "Nixtieq nghid li in kwantu ghall-hinijiet li jiena xehedt dwarhom illum, nghid jiena ma kontx qieghed inzomm il-hinijiet u nghid ukoll lanqas kont f'posizzjoni wara li jiena kont qlajt id-daqqa fuq rasi. Nghid il-hinijiet li jiena tajt huma li tajt fid-deposizzjoni tieghi illum, huma bejn wiehed u iehor il-hinijiet li graw l-affarijiet."

Il-Qorti hi tal-fehma li rigward l-ewwel akkuza jirrizulta li l-imputat ikkommetta r-reat previst fl-artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova b'mod sodisfacenti li jissusisti t-tentattiv tar-reat previst fl-artikolu 218 (1)(b) tal-istess Kap 9 imsemmi fl-ewwel akkuza. F'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi ghac-certifikat mediku esebit bhala DZ4 u li jinsab a fol. 14 tal-Process u ghad-deposizzjoni ta' Dr. Gabriel Schembri M.D. fejn, *inter alia*, dan ix-xhud qal: "Nghid li fit-3 ta' Gunju tas-sena 2004 jiena ezaminajt lil Paul Buhagiar fil-*Casualty Department* ta' l-Isptar San Luqa. Jiena sibtlu tbengila fuq wiccu u kienet ukoll madwar ghajnejh u dina kienet fuq in-naha tal-lemin tal-wicc. Nghid ukoll dan kellu kontuzjoni f'subghajh il-kbir f'idu tax-xellug, pero` nghid illi dan ma kellux ksur. Jiena nikkonferma li dawn il-griehi jiena ikklassifikajthom bhala griehi ta' natura hafifa salv komplikazzjonijiet. Jiena lil din il-persuna wara ma ergajtx ezaminajtha. Jiena ma gejtx infurmat jekk wara din il-persuna kellhiex xi komplikazzjonijiet jew le."

Il-Qorti tosserva ukoll li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova b'mod sodisfacenti biex qala d-daqqa PS 909

Paul Buhagiar. Difatti l-istess PS 909 Buhagiar fis-Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004 qal: "………l-imputat lili tani daqqa b'xi haga iebsa li jiena hsibtha hadida, li nghid li mbaghad l-imputat kien qal fl-Ghassa li hu kien tani b'*mobile.*"

Il-Qorti hi sodisfatta li mill-provi gie sufficjentement ippruvat li kien l-imputat li ikkaguna l-offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PS 909 Paul Buhagiar. Hawn il-Qorti tirreferi ghal bran mid-deposizzjoni tal-istess PS 909 li taha fis-Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004 fejn qal: "Nghid kif dort dan l-guvnott zghir naf li kellu xi haga mizmuma f'idu tixbah xafra, jiena kif dort biex nimbuttah u lqattu daqqa zghira bil-minkeb, l-imputat lili tani daqqa b'xi haga iebsa li jiena hsibtha hadida, li nghid li mbaghad l-imputat kien qal l-Ghassa li hu kien tani b'*mobile*. Waqajna t-tnejn ma' l-art, l-imputat lili baqa jtini, jiena iddefendejt ruhi, ghal xi sekondi jiena sturdejt, l-imputat harab 'l isfel u mbaghad naf li giet xi vettura ohra.

Nghid …………… jiena cert illi d-daqqa qlajtha minghand l-imputat."

Illi rigward it-tieni akkuza ippernjata fl-artikolu 95(1) tal-Kap 9 tal-Ligiijiet ta' Malta, il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza giet sodisfacentement ippruvata u a skans ta' ripetizzjoni taghmel referenza ghad-deposizzjonijiet li ta PS 909 f'din il-kawza riportati aktar qabel f'din is-Sentenza in rigward.

Rigward it-tielet akkuza li tirrigwarda l-artikolu 96 abbinat mal-artikolu 98 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara li f'dan il-kaz jirrizulta bic-car li l-Avukat Generali ma akkuzax lill-imputat bir-reat principali (Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u peress illi din il-Qorti hi marbuta strettament mal-artikli li jintbaghtu mill-Avukat Generali, il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati taht id-disposizzjoni tal-Ligi moghti mill-Avukat Generali u cioe` l-artikolu 98 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar ir-raba' akkuza il-Qorti tosserva li l-Avukat Generali akkuza lill-imputat bid-disposizzjoni tal-artikolu 325 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` fejn l-ammont tal-hsara

riferit fir-reat kif dispost fl-artikolu 325 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ma jkunx jiskorri hames mitt lira, imma jkun izjed minn hamsin lira, il-piena tkun ta’ prigunerija minn hames xhur sa sena. Izda fil-fehma ta’ din il-Qorti, mill-provi processwali jirrizulta li l-hsara rizultanti ma kellhiex valur li jeccedi l-ghaxar liri. Peress illi l-artikolu 325 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta hu kompriz u involut fl-artikolu 325 (b) tal-imsemmi Kap 9 moghti mill-Avukat Generali, il-Qorti tiddikjara li l-akkuza taht l-artikolu 325 (d) tal-imsemmi Kap 9 tissussisti.

Fir-rigward tas-sussistenza ta’ din l-akkuza taht l-imsemmi artikolu 325 (d), il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti:
Ghad-deposizzjoni ta’ PS 909 Paul Buhagiar, li ta fis-Seduta tal-11 ta’ Gunju, 2004 fejn *inter alia,* qal: “Nghid ukoll li l-imputat lili dak il-hin ukoll carratli l-qmis tas-Servizz. Qieghed nesebixxi *animo ritirandi* l-qmis li turi wkoll minn fejn qattaghhieli l-imputat, li qeghda tigi esebita bhala Dok PBA1.”
Ghad-deposizzjoni ta’ PS 245 Keith Arnaud li fis-Seduta tal-11 ta’ Gunju, 2004, *inter alia*, qal: “……….lili hatafni mill-*Lanyard* ta’ l-uniformi u qataghhieli………” “ Jiena qieghed nesebixxi *animo ritirandi* l-*Lanyard* ta’ l-uniformi tieghi illi kien qaccathieli ma’ l-uniformi tieghi l-imputat, li qieghda tigi esebita u mmarkata bhala Dok. KAP1.”
Taghmel ukoll referenza ghal dak li xehed fis-Seduta tal-15 ta’ Novembru, 2004, l-Ispettur Daniel Zammit fejn qal illi: “Nghid li minn verifiki li ghamilt jiena mal-Quarter Master tal-pulizija jirrizultali li in kwantu ghall-ammont ta’ hsarat sofferti mill-korp tal-pulizija in kwantu ghal qmis ta’ PS 909 P Buhagiar din tiswa LM2.64. U in kwantu ghal lanyard ta’ PS 245 K Arnaud il-valur taghha hi ta’ LM1.25. Niddikjara li dawna huma l-valuri tal-oggetti kollha.”

Rigward il-hames akkuza li hi inkwadrata fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Penali nostran, il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza tissussisti. F’dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta’ PS 909 Paul Buhagiar (Seduta tal-11 ta’ Gunju, 2004), fejn dan qal: “Kif jiena tajt daqqa l-bieb biex niftah il-bieb huwa kien wara l-bieb, il-bieb habat mieghu, il-bieb rega’ gie lura,

dahhalt idi, rajt lilu u htaftu. Jiena hrigtu barra, tfajtu ma' *shutter* tal-hanut ….." "……………….." "Waqajna t-tnejn ma l-art, l-imputat lili baqa' jtini, jien iddefendejt ruhi, ghal xi sekondi jien sturdejt, l-imputat harab 'l isfel u mbaghad naf li giet xi vettura ohra" (Sottolinjar tal-Qorti).

In kwantu ghas-sitt akkuza li hi inkwadrata fl-artikolu 152 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti hi tal-fehma li din l-akkuza giet sufficjentement ippruvata mill-Prosekuzzjoni. F'dan ir-rigward, a skans ta' ripetizzjoni il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjonijiet moghtija mill-Ispettur Denise Mula u PS 977 Joseph Zammit moghtija fis-Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004. Issir ukoll referenza ghall-Istqarrija tal-imputat esebita bhala DZ7 u li tinsab minn fol. 17 sa fol. 21 tal-Process, fejn a fol. 20 hemm is-segwenti bran:

"D. Int hrabt minn Hal Far u mhux kont il-Gzira. Xi tghid
T Iva hrabt
D Ma min hrabt?
T Jien hrabt wahdi
D Mhux vera. Fejn huma shabek?
T Emmini li hrabt wahdi."

Rigward din l-akkuza, l-abbli difensur issottometta fit-trattazzjoni li din l-akkuza ma treggix ghax id-definizzjoni ta' "prigunier", f'dan il-kaz ma taqbilx mad-definizzjoni moghtija fl-artikolu 151 tal-Kodici Kriminali taghna. Il-Qorti hi tal-fehma li tali sottomissjoni ma treggix ghax l-artikolu 160 tal-istess Kodici jghid: "Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 151 sal-159 inkluzivament ighoddu fil-kaz ta' harba ta' persuni, mizmuma skond il-ligi, minn lok mahtur ghall-kustodja taghhom." Ghaldaqstant din l-akkuza treggi.

Dwar is-seba' akkuza li tirrigwarda ir-recidiva il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza giet sufficjentement ippruvata. F'dan ir-rigward taghmel referenza ghad-Dok. SJG1 (a fol. 42 sa fol 45 tal-Process) li hi vera kopja fotostatika ta' Sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Miriam Hayman LL.D. datata 24 ta' Marzu, 2004 fl-ismijiet "Il-Pulizija (Sp Stephen J Gatt) vs Abdul Salam Tumy Al Forgni" u taghmel ukoll referenza ghad-deposizzjoni tal-Ispettur Stephen J. Gatt moghtija fis-Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004 li giet riportata aktar qabel f'din is-Sentenza.

Rat l-artikoli 221(1), 95(1), 325(d), 338(dd), 152, 49, 50, 31 u 20 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Abdul Salam Tumy Al Forgni in kwantu ghall-ewwel akkuza mhux hati talli fit-3 ta’ Gunju, 2004, ghal habta ta’ 12:30 ta’ filghodu, flimkien ma persuni ohra, gewwa l-Gzira u fi bnadi ohra gewwa dawn il-Gzejjer, dolozament, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed f’periklu car il-hajja ta’ PS 909 P. Buhagiar, tah daqqa ta’ strument iebes fuq rasu biex jikkagunalu feriti ta’ natura gravi u jgib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fl-ghonq jew f’wahda mill-idejn ta’ l-offiz, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u dan bi ksur ta’ l-artikolu 218(1)(b) u 41 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u minnha tilliberah, izda issibu hati talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PS 909 P. Buhagiar u dan bi ksur tal-artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u in kwantu ghat-tielet akkuza issib lill-imsemmi imputat Abdul Salam Tumy Al Forgni mhux hati ghar-raguni esposta aktar qabel f’din is-Sentenza u minnha tilliberah; in kwantu ghar-raba’ akkuza issib lill-imsemmi imputat Abdul Salam Tumy Al Forgni hati bi ksur tal-artikolu 325(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li hu kompriz u involut fl-artikolu 325(b) tal-istess Kap 9 moghti mill-Avukat Generali u in kwantu ghall-akkuzi l-ohra kollha ssib lill-imsemmi imputat Abdul Salam Tumy Al Forgni hati ta’ dawn l-akkuzi kif dedotti u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi min-naha l-wahda l-gravita` tal-akkuzi, ir-recidiva tal-imputat u id-dmir tal-Qorti li tipprotegi l-harsien tal-ligijiet ta’ pajjizna u min-naha l-ohra c-cirkostanzi tal-hajja tal-imputat kif spjegati mix-xhud Maria Claudette Camilleri fid-deposizzjoni taghha moghtija fis-Seduta tas-16 ta’ Dicembru, 2004 u li giet riportata aktar qabel f’din is-Sentenza, tikkundanna lill-imsemmi imputat Abdul Salam Tumy Al Forgni ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u tliet (3) Liri Maltin u disgha u tmenin (89) centezmi multa ekwivalenti ghall-hsara li saret mill-imputat fuq proprjeta` pubblika u cioe` il-qmis tal-uniformi ta’ PS 909 Paul Buhagiar u l-lanyard ta’ PS 245 Keith Arnaud.

In kwantu ghall-artikolu 23 u 533 tal-Kodici Kriminali moghtija mill-Avukat Generali fl-erbgha ta' Novembru, 2004 li jikkoncernaw rispettivament il-konfiska tal-*corpus delicti* u l-kundanna tal-akkuzat ghall-hlas ta' l-ispejjes tal-periti, il-Qorti tiddikjara li stante li ma gewx esebiti oggetti suggetti ghall-konfiska u li ma gewx nominati esperti f'din il-kawza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn it-talbiet riferiti fiz-zewg artikoli tal-Kodici Kriminali hawn fuq citati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------